# IN-NISĠA TAT-TIXBIHAT
# fid-Dramm
# "IL-FIDWA TAL-BDIEWA"

— ROMAN AZZOPARDI —

L-ewwel edizzjoni ta' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ħarġet madwar 41 sena ilu u minn dak iż-żmien 'l hawn ħafna qiesu dan ix-xogħol bħala importanti storikament għax kien l-ewwel dramm letterarju serju fil-Malti. Għal xi wħud dan jista' jfisser li dan id-dramm mhux għal kollox addattat għal fuq il-palk minkejja li fl-1923 dehru xi partijiet minnu fuq il-palk fit-Teatru Manoel u dan l-aħħar fl-1970 saru rappreżentazzjonijiet fil-ġonna tal-palazz Verdala.

Hu x'inhu kemm jekk dramm ta' l-istudju, kemm jekk dramm tat-teatru, irridu niftakru li "Il-Fidwa tal-Bdiewa" hu dramm miktub b'versi metriċi. Id-dramm mill-bidu sa l-aħħar huwa poema waħda. Fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Ġunju 1964, A.M. Cassola f'analiżi estetika ta' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" kien ċar ħafna:

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" għalkemm biċċa xogħol teatrali moderna huwa bla ebda dubju poema u ta' valur letterarju, u jekk mhux għal ħaġa oħra għal dik l-umanità u dak is-sens patrijottiku li tilmaħ fil-versi tiegħu.

Mhux biss. A.M. Cassola kien konvint li "Il-Fidwa tal-Bdiewa" huwa dramm li x'aktarx għandu jinqara milli jinħadem fuq il-palk. Għaliex fl-istess riċensjoni li semmejna ta' Ġunju, 1946, kiteb b'ħeġġa li hemm bżonn tinħoloq soċjetà bil-ħsieb li tibda torganiżża 'l-qari ta' xogħlijiet teatrali u l-ewwel ktieb li jinqara għandu jkun "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ta' Ninu Cremona.

Kif hu ġa magħruf minn ħafna, il-qawwa ta' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" qiegħda fil-ġrajja patrijottika u fil-preżentazzjoni ta' żmien l-Aragoneżi. Ħafna raw is-sbuħija ta' dan id-dramm fil-folklor li jippreżentalna għaliex b'hekk ħafna drawwiet antiki se jibqgħu ħajjin fil-kitba letterarja u mhux biss ikunu dehru f'kitba dokumentata jew storiku-soċjali. Naturalment il-letteratura mhix sempliċi dokumentazzjoni. Fil-letteratura jidħol is-sens kritiku tal-proċessi tal-ħajja u tal-karattri umani. A. Previ fil-ktieb tiegħu "Il-Ħidma Letterarja ta' Ninu Cremona" għandu dan xi jgħid fuq "il-Fidwa tal-Bdiewa".:

"Li jolqtok hu l-personifikazzjonijiet tal-karattri. Ngħidu aħna Rożi tippersonifika l-imħabba, Xandra l-mibgħeda, Pietru l-qalbieni, Pedro l-beżżiegħi".

A. Previ, bħall-Professur G. Aquilina u oħrajn huwa wkoll tal-fehma li hemm paralelliżmu fil-karattri prinċipali ta "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ma' xi karattri fi "I Promessi Sposi" ta' A. Manzoni. Rożi tfakkarna f'Lucia, Don Carlos f'Don Rodrigo u Dun Sidor f'Padre Cristoforo. Dan ix-xebh jista' jixhet dawl fuq kif u għala Ninu Cremona nġibed lejn il-karattri li għandna fid-dramm tiegħu. Iżda ħaġa waħda għandna dejjem niftakru. Fil-karatterizzazzjoni Ninu Cremona dejjem kien qiegħed jaħseb fit-termini tal-poeżija għax "Il-Fidwa tal-Bdiewa" huwa poema drammatiku.

B'liema teknika nqeda Ninu Cremona sabiex jippreżentalna l-karattri prinċipali u sabiex jurina l-iżvilupp tematiku u psikoloġiku? L-użu ta' tixbihat li ħafna drabi joħolqu "kwadru" u jgħinu fil-għaqda tal-ġrajja. Nixtieq hawnhekk għalhekk naraw l-oriġini u l-funzjoni tat-tixbihat f' "Il-Fidwa tal-Bdiewa". Meta nafu li d-dramm jinbena fuq ġrajjiet tas-seklu ħmistax, wieħed jistenna li t-tixbihat ikunu jirriflettu l-ħajja u d-drawwiet ta' niesna f'dawk iż-żmenijiet. U hekk hu. Imma jien nixtieq li nistudjaw l-aktar il-funzjoni tat-tixbihat billi, ngħidu aħna, neżaminaw l-aspett partikolari tal-ħajja minn fejn hi meħuda t-tixbiha u kemm-il darba nsibuha fid-dramm. Mir-ripetizzjonijiet wieħed ikun jista' jaf aħjar it-tema jew it-tifsira tad-dramm. Kemm-il darba t-tixbihat huma mniżżlin fid-dramm mil-lat tal-kelma u frażijiet użati, u nippruvaw niffurmaw stampa ta' kif ħadmet l-immaġinazzjoni poetika ta' Ninu Cremona.

Il-ġrajja ta' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" teħodna fis-snin 1427-29 meta l-Maltin kellhom jagħmlu sagrifiċċji kbar biex jeħilsu minn ħakkiema bla qalb u meta, wara dan kollu, kellhom ukoll jiddefendu x-xtut tagħna mill-ħallelin tal-baħar. Il-karattri ewlenin li jieħdu sehem fil-ħidma patrijottika huma Pietru l-Baħħari u l-għarusa tiegħu, Rożi. Pietru jieħu sehem attiv fis-serqa ta' mart Monroy u fil-ġlied biex jeħilsu lil Malta. Rożi min-naħa tagħha tagħti l-ġhież u kulma għandha lin-nies li qegħdin jiġbru għall-fidwa ta' Malta. L-imħabba ta' Rożi tidher aktar meta niftakru li l-Ġemgħa tal-Maltin li qegħda tiġbor ir-rahan tasal għand Rożi fil-jum maħsub ta' meta kellha tiżżewweġ lil Pietru. Fl-aħħar taqsima tad-dramm, lil Pietru nerġgħu narawh minn ta' quddiem mhux biss biex jeħles l-għarusa tiegħu mid-dwiefer ta' Don Carlos iżda wkoll biex juri l-qlubija bidwija kull meta l-Gżira tagħna ssejjaħ lil uliedna biex jitqabdu għall-ħelsien. Flimkien mal-bdiewa l-oħra Pietru jeħodha kontra Enzo, l-għassies, u kontra l-baħrin Spanjoli, fil-waqt li jgħajjat:

*Nuru lilkom*
*kif torbtu n-nies ta' Malta u ssawtuhom,*

*nuru lilkom, ja klieb kiefra ta' Spanja!*
*Agħtuni l-aħħar kelma, l-aħħar għajta,*
*ħalli niġborha f'qalbi sabiex biha*
*fil-għanja tar-rebħiet tal-Gżira tagħna*
*il-ħila nfakkar ta' dil-qalb bidwija*
*u l-qerda ta' setgħetkom!*

X'inhuma t-tixbihat li jolqtu s-sentimenti? Hafna drabi huma tixbihat ta' niket, mewt u tbatija. Fl-ewwel taqsima nsibu lir-Rożi, lil ommha, lil missierha u lill-bdiewa jagħtu minn ġidhom sabiex iħallsu t-taxxi lil Monroy. Anni, omm Rożi, lesta tilqa' t-tbatijiet ta' żmienha għalkemm qalbha se tinqasam bl-uġigħ:

*Il-fqir jidfen ġo fih id-demgħa l-kbira*
*Tal-weġgħat tiegħu biex qalb l-ulied le jikser.*

Fil ħsieb ta' Anni l-għawġ personali u nazzjonali jfisser ruħu f'tixbihat ta' dieqa u swied il-qalb. Hekk naraw li fit-Tieni Taqsima, meta tisma' l-aħbar kiefra li Don Carlos għażel li Rożi tiżżewweġ lil Peppu l-ibleh, Anni tgħajjat:

*Xi sħaba sewda fuqna*
*għaddiet, u kieku taf!*

L-erojiżmu, u t-tbatijiet li jsofru l-bdiewa għal Malta, huma wkoll imfissra fil-ġrajjiet attwali u storiċi. In-nies tal-Gżira jiċċaħħdu mill-egħżeż ħwejjeġ li għandhom biex ikunu jistgħu jiġbru tletin elf fjorin u jifdu lil Malta mill-jasar ta' Monroy. Barra minn dan, l-azzjoni tad-dramm turina l-biża' mill-attakki ta' l-Ibirba, speċjalment issa li mhux biss is-sidien fewdali ħallewhom waħedhom iżda l-flus inġabru kollha għall-fidwa, u l-fortifikazzjonijiet jinsabu fi stat ħażin ħafna. Dan kollu, mela, jidher fl-azzjoni pastorali-storika. Iżda, barra dan, it-tbatijiet huma miġbura fil-karattri ta' Anni li, kif rajna, ħsiebha mhux bogħod mill-ħsieb tal-mewt. U fil-fatt binha, Ġanni, jmut fit-taqbida ta' l-aħħar Taqsima.

Kif nistgħu nobsru f'dan id-dramm l-imħabba lejn Malta hija akkoppjata ma' l-imħabba żagħżugħa. U, għalkemm din l-imħabba żagħżugħa hija mdella bi ġrajjiet traġiċi ,tibqa' dejjem imħabba safja u sħiħa. U għalhekk it-tixbihat fuq l-imħabba jieħdu sura speċjali. L-imħabba ta' Rożi u Pietru hija assoċjata ma' ħsibijiet ta' dawl, ta' dija u ta' kwiekeb. Ejjew insemmu xi eżempji. Fl-ewwel Taqsima, Zolli tirrakkonta lil Kozzi x'qalet hi lil Pietru wara l-miġja tiegħu f'Malta minn

Sqallija. U fir-rakkont Zolli tittratta l-iżjed fuq in-natura ta' mħabbet Rożi:

*Tħobbok*
*ix-xbejba Rożi, tħobbok daqs għajnejha;*
*Anni ferħana bik, kif ommi qaltli,*
*U Matti wkoll missierha, u x-xahar t'Awissu*
*meta jiblieq il-ħawħ u t-tuffieħ jidher*
*bil-ħmura jixgħel tan-nirien tas-sema,*
*Rożi turik 'il wiċċha, f'dawl għajnejha*
*tiddi bl-inwar minn ta' l-imħabba tagħha;*
*għaliex tkun kollha tiegħek, kollha tiegħek.*

Ejjew naraw issa x'tirrakkonta Betti lil Rożi fuq Pietru:

*Jiena rajtu*
*jarmi minn għajnu d-dija u bil-ħuġġieġa*
*f'wiċċu minn fommu smajt dan il-kliem ħiereġ:*
*'Art ta' sbuħija li minn warda waħda,*
*fost ħafna xewk, nissilt ġo fija l-ħajja*
*tal-qalb li ma tixjieħx, għaliex l-imħabba*
*fid-demm li tajtna kbira, ikbar mis-setgħa*
*ta' dal-ħalliel li seraq ġidek kollu!*
*tifla ġo fik ħabbejt, u din il-warda*
*li tajtni f'qalbi ħbejt bħall-egħżeż ġawhra*
*għal ħajti kollha......*

Hawnhekk it-tixbihat jitnisslu waħda wara l-oħra u naraw it-ton karatteristiku ta' dawk ix-xeni fejn jidħol l-element romantiku u sentimentali. Għandna riferenza għad-dawl, oħra għan-natura (warda fost ħafna xewk) u għandna l-idea li l-imħabba hija xi ħaġa li wieħed jgħożż b'qalbu kollha bħalma wieħed jindokra l-egħżeż ġawhra.

Iktar 'il quddiem fl-ewwel Taqsima naraw li għal Rożi wkoll l-imħabba hija ġawhra li wieħed igħożż akkost ta' kollox. Imma għal Pietru l-idea ta' ġawhra hija aktar marbuta mal-ħsieb tas-sbuħija u ma' l-emozzjoni ta' l-imħabba li tibqa' mistura sakemm ikun il-waqt. U dan nistgħu narawh meta jgħid "u din il-warda/li tajtni f'qalbi ħbejt bħall-egħżeż ġawhra/għal ħajti kollha..."

Għal Rożi, l-idea ta' ġawhra hija aktarx marbuta mal-ħsieb tattbatija. Hekk naraw li meta, fl-ewwel Taqsima, jasal Ġanni u jxewwex lill-bdiewa biex ikeċċu lil Monroy, oħtu Rożi tgħid:

*U tajna kulma kellna, il-ħwejjeġ tagħna,*
*Ġanni, ja Ġanni hija, 'l dawk ir-rgħiba*

*sabiex l-imħabba lilna jħallu sħiħa,*
*ġawhra tal-faqar tagħna.*

Mela f'moħħ Rożi l-imħabba ta' bejnha u bejn Pietru hija marbuta mal-faqar li waqa' fuqha u fuq niesha.

F' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" l-espressjoni ta' 'l-imħabba hija xi drabi murija bħala kewkba jew dawl fejjiedi li jqawwi l-qlub ta' dawk il-bdiewa u nisa li għexu fi żmenijiet hekk imwiegħra u msaħħba. Fl-ewwel Taqsima, Pietru jgħid li meta kien barra minn Malta jiġġieled f'isem is-Sultan ħsiebu kien sikwit imur fuq art twelidu u fuq il-maħbuba tiegħu.

*U d-dar f'għanejja*
*kienet kewkba li tiddi fi dlam qawwi,*
*fil-mewġ ta' l-ibħra li għaddejt. 'Il bogħ'd,*
*'il bogħ'd fuq xifer ta' dik l-art demmija*
*iltqajt ma' nies ta' lewn u lsien imħallta.*

Fit-tieni Taqsima, niltaqgħu man-nies tal-Ġabra. Rożi, bħal xebbiet oħra f'inħawi oħra ta' Malta, tagħti l-ġhież u kulma għandna biex tgħin fil-fidwa ta' art twelidha. Pietru, preżenti wkoll għal din ix-xena, jiftakar mhux biss fis-sagrifiċċju u fl-erojiżmu patrijottiku ta' l-għarusa tiegħu, imma wkoll fiċ-ċaħda personali tat-tnejn li huma, għaliex dak il-jum tal-Ġabra kellu jkun il-jum tat-tieġ tagħhom. U Gawdenz igħid lil Ċikku:

*Lejn dak il-wiċċ ta' kewkba*
*tiddi fin-nida u s-swied tal-lejl, iħares*
*sieket iħares Pietru, iħares dejjem.*

Hawnhekk mela għandna kuntrast: id-dawl f'konflitt mas-swied tal-lejl. Mhux ta' b'xejn li fl-aħħar Taqsima, meta Pietru jirnexxilu jsib lil Rożi wara ħafna taqtigħ ta' qalb u biża' li għandu mnejn kienet sabet ruħha f'xi għawġ taħt idejn Don Carlos, hu jaħtaf il-maktur ta' Rożi li jaqa' mit-tieqa u jgħajjat:

*Fl-aħħar sibtek,*
*Ja dawl għażiż ta' ħajti, fl-aħħar sibtek.*

U hawnhekk nistgħu ngħidu li dan il-ħsieb ta' dawl għażiż huwa marbut mal-ħsieb ta' qawmien mill-mewt jew mal-ħsieb ta' twelid mill-ġdid, il-għaliex Pietru jkompli jgħid:

*Bkejtek mitlufa, Rożi, infittex leħnek,*
*U ljieli niġri għal għoxrin darba, niġri*
*għamilt għalik, 'ma fl-aħħar sibtek, Rożi.*
*Ja 'twejqa tal-ħelsien, ja twejqa mbierka,*
*li bexxaqtli l-ġebliet ta' qabar kiefer,*
*fejn qalbi dfint max-Xbejba ta' l-Imħabba,*
*Infetaħ beraħ sabiex nasal fejnha.*

Ix-xbieha ta' kewkba jew ta' dawl kienet fi ħsieb Ninu Cremona kull meta kien jinħtieġ juri Tama jew Fejda. Id-dawl li jissemma' f'dan id-dramm huwa turija ta' Mħabba, xhieda ta' stedin u merħba. Kif rajna ġa, Rożi mhux biss tħobb lil Pietru daqs għajnejha imma f'dawl għajnejha "tiddi bl-inwar minn ta' l-Imħabba tagħha". In-nuqqas ta' dawl jew ta' dija huwa, għalhekk sinjal li n-niket qiegħed idallam id-dehra ta' l-imħabba. Fit-tielet Taqsima, Pietru juri l-biża' li l-ġrajjiet li waqgħu fuq il-gżira jistgħu b'xi mod itellfu mill-imħabba ta' bejnu u Rożi. Għaliex hawnhekk irridu niftakru li, għalkemm il-Maltin jirċievu l-aħbar li s-Sultan lest jaċċetta l-fidwa tal-gżira mill-Maltin stess, tasal aħbar li tgħid li l-furbani issa qorbu lejn ix-xtut u qegħdin iheddu li jattakkaw. Fost dan il-għawġ kollu, Pietru jdur fuq Rożi u jgħidilha:

*Wiċċek kif inbidel,*
*Rożi, min-nhar għal-lejl, u f'għajnek nara*
*Mitfija l-kewkba ta' l-Imħabba għalija.*

Waqt li d-dramm ikompli jiżvolġi ruħu, din l-idea ta' dawl bħala xhieda ta' l-Imħabba tkompli tissaħħaħ, u hija msemmija bosta drabi. Ngħidu aħna, fl-istess Taqsima li semmejna, jiġifieri fit-tielet Taqsima, Kozzi turi l-biża' tagħha li d-dawl li jiddi fl-imħabba ta' Pietru għandu mnejn jgħaddi bħalma tgħaddi tiġri leħħa ta' berqa. Għalhekk hi tħeġġeġ lil Pietru billi tgħidlu:

*Din il-ħolma*
*Ta' żmien l-imgħoddi la tħallix minn rasek*
*Tgħaddi bħal leħħa kiefra, għaliex bint Anni*
*Għalik bl-imħabba tixgħel.*

Kif qed naraw, fejn tidħol l-Imħabba, fost l-aktar tixbihat qawwija nsibu dawk li jitkellmu fuq ġawhar, fuq kwiekeb u fuq dwal. Irridu ngħidu wkoll li fl-aħħar Taqsima Pietru jidher riekeb fuq debba *bajda* jfittex lil Rożi. Dan il-fatt ifakkarni f'dak li ġara meta, fl-1970, Ninu Cremona kien preżenti għar-rappreżentazzjoni ta' "Il-Fidwa tal-

Bdiewa" li kienet saret fil-ġonna tal-Palazz Verdala. Minn dak li naqraw fil-ktieb "Il-Ħidma Letterarja ta' Ninu Cremona" ta' A. Previ O.P. nafu sewwa li f'dik l-okkażjoni Ninu Cremona gerger fuq xi nuqqasijiet li dehru fil-produzzjoni tad-dramm tiegħu. Skond Ninu Cremona, wieħed min-nuqqasijiet kien li Pietru ma daħalx riekeb fuq id-debba biex ifittex lil Rożi. Seta' ġara li Ninu Cremona qal hekk minħabba li xtaq iżjed realiżmu. Iżda nista' nissoponi li f'moħħu kellu wkoll il-fatt li d-debba bajda tagħmel parti integrali mhux biss mill-azzjoni iżda wkoll mit-tixbihat li jagħtu tifsira lid-dramm kollu.

L-imħabba hija assoċjata wkoll mal-kelma għasfur li tirrepeti ruħha f'diversi partijiet tad-dramm. Ix-xbieha ta' għasfur tikkorrispondi għad-dehra ta' Rożi bħala xebba kwieta u simpatika li bħal ħlejjaq żgħar oħra hija mhedda minn nies bla qalb u ta' ħażen. Fl-ewwel Taqsima, Guerrino, għassies ta' Don Carlos, jieqaf isaqsi lil Rożi fuq ommha, missierha u ħutha li dak il-ħin ma kinux d-dar. Rożi twieġeb li ma tafx fejn huma. U Guerrino jgħidilha:

*Ja tfajla tagħna, ismagħni, għalkemm għaqlija*
*din it-tweġiba tiegħek, jiena nagħdrek,*
*bħalma nagħder l-għasfur ta' ġewwa x-xibka.*

Don Carlos mitluf wara l-ġmiel ta' Rożi u bil-ħsieb li jġegħelha tinġibed lejh, juża l-istes xbieha fit-tielet Taqsima:

*Għasfur imgerrex dina Rożi tagħna,*
*u ċkejken għaqlek fejn il-għaqal tagħha*
*Sabiex fil-mansab lilha ddaħħal bilġri.*

Il-ħsieb li Rożi, għax kwieta u innoċenti, tista' b'ħeffa tinqabad fil-mansab bħal ma jinqabad għasfur ġwejjed iġiegħel lil Don José jagħmel imħatra ma' Don Carlos:

*Ara xi ngħidlek jien, rebbieħ ta' Blanca,*
*Li qabel għada taqleb ix-xemx fuqna,*
*Minn dik il-bejta nġib l-għasfur ta' qalbek,*
*Minn dik il-bejtek.*

Ninu Cremona jsaħħah l-idea li Rożi hija ġwejda għax twajba meta Enzo għassies ieħor ta' Don Carlos, iqabbel lil Rożi u lil Xandra b'dan il-kliem :

*Rożi, ja Rożi, xbejba ta' l-egħlieqi,*

*għadek dubbiena ċkejkna għal din il-brimba*
*li qiegħda tgħarrex ħdejk.*

Hawnhekk insibu varjazzjoni tat-tixbiha ta' l-għasfur maqbud f'mansab. Fi ħsieb Enzo u Guerrino, Rożi mhix ħlief ħlejqa żgħira li kapaċi tinqabad ġox-xbiek.

Għalhekk naraw li l-għassiesa, Don Carlos u Don Jose, kollha jaħsbuha l-istess għax l-iskop tagħhom mhuwiex li jħennu jew jagħdru d-dgħjufija ta' Rożi imma li japprofittaw irwieħhom mill-karattru kwiet ta' Rożi biex jisirquha minn niesha. Xandra wkoll tqarraq b'Rożi. U Xandra nnifisha hija mxebbha ma' ħlejjaq tan-natura li huma magħrufa għall-ħażen tagħhom meta jiġu biex jaħtfu l-vittma tagħhom. Rajna kif Enzo jirreferi għal Xandra bħala brimba. F'naħa oħra tad-dramm Kozzi tirreferi għal Xandra bħala seqer:

*Fuq it-tifla Rożi*
*dik ir-ruħ ta' saħħara, il-ħalja Xandra,*
*waqfet bil-ħars ta' seqer mill-Wardija,*
*U tkellmet fil-widnejn ta' Peppu l-Ibleh.*
*Binti tissemma' kienet, u lil Xandra*
*dlonk semgħet tgħidlu: "Dik ix-xbejba Rożi,*
*Bint Matti l-bidwi, għalik Don Carlos jagħżel*
*B'għarusa u l-ġid jagħtik biex toqgħod magħha."*

Xandra, mela, wkoll għandha l-ħsieb taqbad lil Rożi. Imma fil-każ ta' Xandra m'hemmx dik il-pika moqżieża bħal ta' bejn Don Carlos u Don José. Xandra hija l-brimba jew is-seqer. L-oħrajn huma nassaba ta' ħażen. U hekk hu li f'din il-pika, biex jaraw jekk jirrnexxilhomx jaħtfu lil Rożi kontra r-rieda tagħha, tidħol qisha bħal tfittxija jew kaċċa li tagħmel kuntrast mat-tfittxija ta' Pietru fl-aħħar Taqsima. U kif rajna, Guerrino huwa msieħeb mas-sidien tiegħu fil-pjan tagħhom li jaqbdu lil Rożi. Dan l-għassies f'moħħu għandu li jrid jaqdi lis-sid tiegħu u, għalhekk, lil Enzo jgħidlu:

*Din id-darba,*
*L-għasfur, ja sieħbi, minn ġox-xibka ħarab.*
*Haqq l-għajnejn suwed tax-xbejbiet tal-gżira*
*U l-ġenn tas-sidien tagħna 'il Colubrina*
*Jien ma narax f'Sivilja jekk il-lejla*
*Il-ġwienaħ ma nnittifx ta' dil-ħuttafa!*

Il-kewkba, il-ġawhra u l-għasfur. Dawn huma l-aktar assoċjati mat-tema ta' l-Imħabba. U rridu nżidu li Ninu Cremona wera l-kobor

tiegħu meta wera d-differenzi bejn karattru u ieħor mhux biss mill-azzjoni imma wkoll mill-użu ta' l-istess xbieha bażika. Ngħidu aħna, kif rajna ġa f'ħafna episodji tad-dramm, il-maħbubin jiftakru f'xulxin permezz ta' xbihat ta' ġawhar. Issa, meta niġu għal Don Carlos, dan ukoll fl-imħabba qarrieqa tiegħu jaħseb b'Rożi permezz ta' xbihat ta' ġawhar. Hekk li fit-tielet Taqsima, Don José, li bħal sieħbu ssaħħar wara l-ġmiel ta' Rożi, iħeġġeġ lil Don Carlos jara kif jagħmel u jisraq lil Rożi:

*Din ġawhra għalik mitlufa f'dawn l-egħlieqi.*
*Fittex ħabib iġborha.*

Għal Don Carlos, bniedem kapriċċuż, li bil-flus u l-pożizzjoni tiegħu jaħseb li se jħajjar lil Rożi, l-Imħabba tidher għalih bħala ġawhra li jixtieqha — u mix-xewqa jaqa' għall-għemil — u għalhekk dnubu jidher agħar. F'dan il-kuntest, il-kelma "iġborha" għandha mnejn tidher li hija bla ebda ħażen imma fil-fatt turi li Rożi se 'tinġabar' bilmoħbi bħal ġawhra meħuda b'qerq, bil-kwiet u bil-moħbi ta' sidha.

Il-valur mogħti lit-tixbihat jiddependi mill-persuna li tkun qed tagħmilha. Meta Pietru jxebbah lil Rożi mad-dawl, nafu li jrid ifisser il-ġmiel u l-glorja ta' l-Imħabba. Imma meta Xandra tfaħħar lil Rożi billi xxebbaha ma' dawl jew nar li jixgħel, naraw li ħsieb Xandra hu li tagħmel id-deni lil Rożi:

*Wiċċek jixhed sewwa binti.*
*Huġġieġa nar, huġġieġa nar f'did-dalma*
*Ta' fil-għaxija tixgħel donni nara,*
*Dal-ħin, inħares lejk, xbejba tal-ħena.*

Għalhekk l-istess tixbihat huma xi drabi assoċjati kemm ma' karattri twajba u kemm ma' karattri viljakki.

Kif rajna, it-tixbihat igħinu sabiex l-awtur jesprimi l-ħsibijiet patrijottiċi, erojċi u romantiċi tad-dramm. Imma rajna wkoll li l-element romantiku jidher ħafna fit-tixbihat. Riferenzi għal dawl, għasfur u ġawhar insibuhom kull darba li tissemma' l-Imħabba ta' bejn Rożi u Pietru. Nistgħu, għalhekk, ngħidu li "Il Fidwa tal-Bdiewa" ma jiġborx fih biss il-fidwa tan-nies tar-raba' jew il-fidwa ta' Malta iżda wkoll il-fidwa ta' l-Imħabba. L-apoteosi jew id-dehra ta' l-aħħar jixhduh dan. Ir-rahan tal-fidwa hija Rożi li kulħadd ħaseb li hi mitlufa għal kollox, iżda issa li hija magħquda mill-ġdid mal-maħbub tagħha, Rożi tista' toffri l-ħelsien. L-Imħabba safja u sħiħa twassal għall-ħelsien ta' pajjiżna.

It-tfassil ta' tixbihat biex jinħoloq xi xorta ta' moviment fid-dramm huwa importanti daqs il-ġrajja nnifisha u daqs il-preżentazzjoni tal-karattri. U hawnhekk forsi li wieħed jista' jħoss li l-apoteosi mhix effettiva biżżejjed. U dan għaliex id-dehra hija qasira ħafna u m'hemmx rabta qawwija bejn il-lingwa wżata fid-dehra u dik mitħaddta fit-tixbiħat.

Kif għedna fil-bidu, "Il-Fidwa tal-Bdiewa" huwa poema u ma jistax jonqos li ma nsibux il-ħsieb poetiku jew it-tema poetika li magħhom ġrajja, karattri u sitwazzjonijiet huma marbuta. Il-karattri f'dan id-dramm huma ħajjin biżżejjed fil-preżentazzjoni realistika tad-dramm. Imma rridu ngħidu wkoll li dik il-ħajta ta' tixbihat minsuġa ġod-dramm turi wkoll li l-karattri huma frott ta' l-imaġinazzjoni poetika (u mhux biss drammatika) ta' l-awtur Ninu Cremona.